



Brussell, 16 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11187/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0062(NLE)

SCH-EVAL 155
SIRIS 95
COMIX 411

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Lulju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10848/18 R-UE
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 dwar l-applikazzjoni mill- Portugall tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas- Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 dwar l-applikazzjoni mill-Portugall tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Lulju 2018.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 dwar l-applikazzjoni mill-Portugall tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Filwaqt li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li tistabbilixxi Kumitat Permanenti dwar l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-iskop ta' din id-Deċiżjoni hu li jirrakkomanda azzjonijiet ta' rimedju lill-Portugall biex jindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen li saret fl-2017 fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen (SIS). Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet, li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018) 301.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) L-applikazzjoni tas-SIS II Portugiża tipprovdi lill-operaturi SIRENE b'rapporti dwar il-kwalità tad-data u tiffaċilita monitoraġġ regolari tad-data. Id-dikjarazzjonijiet doganali kollha li jidħlu jiġu ċċekkjati ċentralment mas-SIS u permezz ta' proċessi awtomatizzati. L-utenti aħħarin jistgħu jaċċessaw elettronikament formoli post-hit permezz tal-intranet u wkoll direttament mis-SEI (l-applikazzjoni li tintuża mill-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika) innifisha.
- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-*acquis* ta' Schengen, b'mod partikolari mal-obbligu li jiġi żgurat li tiftixa f'kopja nazzjonali tas-SIS tipproduċi riżultat ekwivalenti għal dak ta' tiftixa fil-bażi tad-data SIS II u li meta jkunu disponibbli jiġu meħmuża r-ritratti jew il-marki tas-swaba' mal-allert, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1, 2, 4, 5, 6, 7, 9, 10, 12, 13, 14 u 15 hawn taħt.
- (4) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, il-Portugall jenħtieġ li, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex ikun hemm rimedju għal kwalunkwe nuqqas identifikat fir-rapport tal-evalwazzjoni u jipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li l-Portugall

1. jistabbilixxi proċeduri nazzjonali obbligatorji li jirrikjedu lill-utenti aħħarin biex meta jkunu disponibbli jehmżu r-ritratti jew il-marki tas-swaba' mal-allert, kif mitlub mill-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006² u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI³;

² Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

2. ikompli jiżviluppa l-applikazzjoni nazzjonali SIIEF, li hija disponibbli għas-Servizz tal-Immigrazzjoni u tal-Fruntiera, sabiex tkun tista' turi t-tip ta' reat, l-informazzjoni kollha tal-vittma ta' identità użata ħażin u b'mod partikolari r-ritratt u biex turi l-lista sħiħa tal-"azzjoni li għandha tittieħed" għall-allerti tal-Artikolu 36;
3. itejjeb it-trattament tal-pseudonomi u t-tipi ta' identità fl-applikazzjoni SIIEF u juri d-dettalji ta' kuntatt tas-SIRENE fuq l-iskrin għall-utenti aħħarin meta tinkiseb hit tas-SIS;
4. ikompli jiżviluppa l-applikazzjoni SIIOP-P, li hi disponibbli għall-Gwardja Repubblikana Nazzjonali, sabiex jingħata aċċess permezz ta' din l-applikazzjoni għall-kategoriji rilevanti kollha ta' allerti SIS;
5. ikompli jiżviluppa l-applikazzjoni SIIOP-P biex tkun tista' turi ritratti, marki tas-swaba', Mandati ta' Arrest Ewropej (MAE) jew tipprovdi indikazzjoni dwar l-eżistenza ta' tali data binarja, u anke biex tkun tista' turi links, l-estensjoni tal-identità użata ħażin u turi ċar it-tipi differenti ta' identitajiet li jitilgħu permezz ta' hit;
6. jiżgura li t-tiftixiet li jsiru permezz tal-applikazzjoni SIIOP-P iwasslu għal riżultat identiku u konsistenti mal-bażi tad-data ċentrali tas-SIS II;
7. jiżgura li l-possibilità tat-tiftixa (*Pesquisa Composta*) li hija disponibbli fl-applikazzjoni SIIOP-P u li twettaq tiftixiet biss fil-bażijiet nazzjonali tad-data ma tintużax bħala l-għażla awtomatika tat-tiftix, sabiex jiġi żgurat li fil-fatt is-SIS tkun qed tiġi kkonsultata sistematikament fil-każijiet kollha meta jkun qed isir tiftix fil-bażijiet nazzjonali tad-data, biex b'hekk jiġi żgurat livell għoli ta' sġirutà fi ħdan l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja skont l-Artikolu 1(2) tad-dokumenti legali tas-SIS;
8. ikompli jtejjeb l-applikazzjoni SIIOP-P biex jiżgura li s-sinjali ta' twissija jintwerew fuq l-ewwel skrin li jagħti l-lista tar-riżultati u jkunu enfasizzati, biex l-informazzjoni dwar it-tip ta' reat tkun viżibbli minnufih għall-utenti aħħarin u biex id-dettalji ta' kuntatt ta' SIRENE jintwerew fuq l-iskrin għall-utenti aħħarin meta tinkiseb hit tas-SIS;

9. ikompli jiżviluppa l-applikazzjoni SEI, li hi disponibbli għall-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika, sabiex jingħata aċċess permezz ta' din l-applikazzjoni għall-kategoriji rilevanti kollha ta' allerti SIS;
10. ikompli jiżviluppa l-applikazzjoni SEI biex turi t-tip tal-identità fil-każ li jkun hemm hit fuq allert SIS fuq persuni u biex tipprovdi indikazzjoni lill-utent aħħari fuq id-disponibbiltà tal-EAW fil-każ ta' hit fuq allert tal-Artikolu 26;
11. ikompli jtejjeb l-applikazzjoni SEI biex jiżgura li l-funzjonalità ta' tiftix "kwalunkwe isem" tkun disponibbli, li l-azzjoni "rappurtar minnufih" tkun jew enfasizzata jew tintwera b'mod iktar prominenti, li kull allert b'link ikun jista' jiġi aċċessat direttament permezz ta' hyperlink u biex id-dettalji ta' kuntatt tas-SIRENE jintwerew fuq l-iskrin għall-utenti aħħarin meta jkun hemm hit tas-SIS;
12. ikompli jiżviluppa l-applikazzjoni SPO, li hija disponibbli għall-Pulizija Ġudizzjarja, biex jiġi pprovdut aċċess permezz ta' din l-applikazzjoni għall-kategoriji rilevanti kollha ta' allerti SIS;
13. ikompli jiżviluppa l-applikazzjoni SPO biex tipprevedi mistoqsija integrata awtomatizzata fil-bażijiet nazzjonali tad-data u fis-SIS bħala għażla awtomatika;
14. ikompli jiżviluppa l-applikazzjoni SPO biex tkun tista' turi r-ritratti, il-marki tas-swaba', l-EAWs jew tipprovdi indikazzjoni dwar l-eżistenza ta' tali data binarja, u anke biex tkun tista' turi allerti b'links, l-azzjoni "irrappurtar minnufih", it-tip ta' reat fl-allert u biex turi l-lista sħiħa tal-"azzjoni li għandha tittieħed" għall-allerti diskreti ta' kontroll tal-Artikolu 36;
15. jiżgura li l-"azzjoni li għandha tittieħed" tintwera għall-allerti ta' dokumenti invalidati skont l-Artikolu 38 fl-applikazzjoni SPO, kif ma kienx il-każ fil-Pulizija Ġudizzjarja f'Portimão;
16. jistabbilixxi skadenzi ċari li fihom l-Uffiċċju SIRENE jrid jiżgura li proċessi bħad-dħul jew it-tħassir ta' allerti jitlestew;
17. jiżgura li s-servizzi apparti l-Uffiċċju SIRENE jkunu kapaċi joħolqu links bejn l-allerti SIS u jiżguraw li tiġi implimentata proċedura koerenti li biha l-utenti aħħarin ikunu mitluba jinfurmaw lill-Uffiċċju SIRENE fil-każijiet fejn ikun jenħtieġ li tinholq link bejn l-allerti;

18. jikkunsidra li jorbot is-sistema nazzjonali tar-Rikonoxximent Awtomatiku tal-Pjanċi (ANPR) mas-SIS;
19. jipprovdi lill-operaturi kollha tas-SIRENE, indipendentement mis-servizz individwali li fih ikunu jaħdmu, b'aċċess għall-bażijiet nazzjonali tad-data kollha rilevanti fuq bażi 24/7;
20. ikompli jiżviluppa s-sistema tal-fluss tax-xogħol tas-SIRENE sabiex jonqos l-ammont ta' proċessi manwali fil-ġestjoni tal-fluss tax-xogħol ta' kuljum u jiżdied l-użu tal-awtomatizzazzjoni sal-livell kif meħtieġ mit-taqsimha 1.12 tal-Manwal SIRENE;
21. jiżgura li l-formoli SIRENE li jidħlu mmarkati mill-Istat Membru li jkun qed joħroġhom bħala 'urġenti' jintwerew awtomatikament bħala "urġenti" fis-sistema Portugiża tal-fluss tax-xogħol;
22. inaqas l-għadd tal-proċessi manwali fl-Uffiċċju SIRENE;
23. jiżgura li l-utenti aħħarin jirċievu taħriġ ta' segwitu regolari dwar is-SIS, li jinkorpora taħriġ prattiku fuq l-użu u l-funzjonalitajiet varji tal-applikazzjonijiet disponibbli, inkluż permezz ta' studji ta' każijiet partikolari;
24. ikompli jiżviluppa l-applikazzjoni PASSE, li hija disponibbli għas-Servizz tal-Immigrazzjoni u l-Fruntieri, biex jiġi żgurat li s-sinjali ta' twissijiet jintwerew fuq l-ewwel skrin li jagħti l-lista tar-riżultati;
25. ikompli jtejjeb l-applikazzjoni SIS II, li tintuża bħala applikazzjoni primarja tat-tiftix fl-Uffiċċju SIRENE u bħala għodda supplementari tat-tiftix minn utenti aħħarin oħrajn, biex jiżgura li kwalunkwe allert b'link ikun jista' jiġi aċċessat direttament permezz ta' hyperlink, biex ir-"raġuni għat-talba" tintwera minnufih u kollha kemm hi lill-utent aħħari, biex l-"azzjoni li għandha tittieħed" mitluba tintwera minnufih u kollha kemm hi lill-utent aħħari, biex id-disponibbiltà tal-funzjonalità tat-tiftix ta' kategoriji multipli fl-applikazzjoni SIS II dwar allerti dwar oġġetti ssir iktar ċara għall-utenti aħħarin u biex jintwerew id-dettalji ta' kuntatt tas-SIRENE fuq l-iskrin meta tinkiseb hit tas-SIS.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President